## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

**(Kawża C-231/10)**

(2010/C 179/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán, E. Randvere)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Estonja

### Talbiet tal-partijiet rikorrenti

Il-Kummissjoni titlob li,

— tikkonstata li r-Repubblika tal-Estonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġiż u d-deterjorament ([1]), billi ma addotatx u/jew ma kkomunikatx lill-Kummissjoni l-leġislazzjoni kollha meħtieġa għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali skada fis-16 ta' Jannar 2009.

([1]) ĠU L 372, p. 19.

## Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Marzu 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

**(Kawża C-315/09)** ([1])

(2010/C 179/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 256, 24.10.2009.

## Digriet tal-President tat-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' April 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Korkein oikeus — il-Finlandja) — Virallinen syyttäjä vs Malik Gataev, Khadizhat Gataeva

**(Kawża C-105/10 PPU)** ([1])

(2010/C 179/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 100, 17.04.2010.